MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 55**

**L-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathon Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**55.1 Talba;**

55.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**55.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

55.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**55.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 54;**

55.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 54 li ġew ppreparati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech u ppreżentati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**55.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

55.4.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħatar lil Josianne Cassar bħala Aġent Segretarju tal-Kunsill mit-8 ta' Mejju 2023. Huwa taha merħba li wara erbatax (14) -il sena reġgħet ġiet tagħti servizz lill-Kunsill;

55.4.2 Saret laqgħa mal-*Community Police*;

55.4.3 Attenda għal-laqgħa tar-Reġjun li nżammet nhar it-30 ta' Mejju 2023;

55.4.4 Sar servizz ta' manutenzjoni tal-*fire extinguisher* minn Alberta;

55.4.5 Mons. Lawrenz Xerri rregala kwadru b'ritratt tiegħu ta' meta kien Kappillan tal-Fontana lill-Kunsill bejn 1963 u 1969;

55.4.6 Ġie ffirmat il-kuntratt mal-Awtorità tal-Ippjanar (UIF) li jammonta €17,000 li kien baqa f'dan il-fond għax-xogħol li ser isir taħt ir-*railing* bil-*porfido* li ser jiswa madwar €180,000;

55.4.7 Il-kuntratt tad-devoluzzjoni tas-sit tal-Għajn il-Kbira kellu jiġi emendat peress li kien fih xi żbalji fid-dati peress li kien qed jintalab il-kera b'lura mill-2021 meta l-Kunsill għandu mħallas sa din is-sena, la darba dawn jiġu kkoreġuti ser jiġi ffirmat u jintbagħat lill-Awtorità tal-Artijiet;

55.4.8 Saret l-inawgurazzjoni tal-van elettrika fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Preżenti għal din iċ-ċerimonju kien hemm is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia, kif ukoll Miriam Muscat skrivana tal-Kunsill. Il-van tbierket mill-Kappillan tal-Parroċċa, l-Kan. Simon Mario Cachia.

55.4.9 Tneħħa il-gozz terrapien żgħir li kien hemm f'rokna fi Triq ta' Mulejja minn A&E Mintoff Ltd.;

55.4.10 Attenda għaċ-Ċerimonja tal-*WasteServ* li saret fid-Dolmen Hotel fejn il-Kunsill ġie ppremjat bit-tieni post minn Malta u Għawdex dwar il-ġbir tal-iskart organiku. Il-premju huwa €3000. Huwa ppropona u kien hemm qbil li b'dawn il-flus jitħallsu parti mill-bankijiet il-ġodda li saru fit-Toroq K.A. Franchi u John Gaspard Le Marchant peress li jridu jintefqu fuq materjal riċiklaġġ;

55.4.11 Inqalgħu u twaħħlu tlett (3) *bins* fi Triq John Gaspard Le Marchant peress li kienu fejn kellhom jitwaħħlu l-bankijiet. Ġie mqabbad Chris Gauci;

55.4.12 Wara li ġie ffirmat il-kuntratt tax-xiri tal-bankijiet, twaħħlu 24 bank ġdid fit-toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Peress li l-ordni kienet ta' 28 is-Sindku qal illi fadal erbà bankijiet ġodda. Il-bankijiet li nqalgħu tpoġġew fil-garaxx tal-Kunsill. Dawn swew €13,876.80;

55.4.13 Ġiet ippreżentata r-risposta tal-*Management Letter*. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tagħha u għaldaqstant ser tintbagħat lil persuni konċernati;

55.4.14 Hemm bżonn illi tinbidel il-batterija tad-*defibrillator* li hemm viċin il-Knisja u tiswa €200. Il-Kunsill qabel;

55.4.15 Inħasset il-ħtieġa li l-ammont tal-*petty cash* jiżdied b'massimu ta' kemm tippermetti l-Liġi, saret riżoluzzjoni f'dan ir-rigward u kien hemm qbil unanimu.

55.4.16 Illi munzell żrar fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg jitneħħa, il-membri qablu. Ġie avviċinat minn residenta li jintbagħat dan l-ilment lil Ministeru għal Għawdex, peress li din it-triq taqa taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex;

55.4.17 Ippropona li jsir pedestall u bradella għall-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù b'disinn ta' Michael Cutajar Zahra u jitpoġġa fuq is-saqaf taċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm qbil;

55.4.18 Intbagħat bukkett fjuri għall-funeral tas-Sur Edwin Borg, Ex Viċi-Sindku tal-Kunsill bejn April 2002 u Marzu 2005 u ntbagħtu l-kondoljanzi lill-familja;

55.4.19 Intbagħat bukkett fjuri għall-funeral tas-Surmast Sunny Galea, kittieb tal-mużika tal-Innu tal-Fontana u rebbieħ tal-midalja 'Ġieħ il-Fontana'. Intbagħtu l-kondoljanzi lill-familja. Is-Sindku attenda wkoll il-funeral tiegħu li sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ;

55.4.20 Biex jinqalgħu żewġ *bins* fi Triq l-Isptar San Ġiljan sabiex isir żvilupp ta' *flats*. Ser jiġi mqabbad Chris Gauci;

55.4.21 Biex tingħata l-ikla tal-anzjani li jgħixu waħedhom fil-festa titulari. Kien hemm qbil;

55.4.22 Triq tinqala s-*slide* tal-*Playing Field* u apparat ieħor sabiex ikun jista jsir ix-xogħol ta' rinnovar tal-*Playing Field*;

55.4.23 Issuġġerixxa illi ssir ħarġa għal Malta fl-Imnarja għall-wirja fil-Buskett u postijiet oħra, għar-residenti. Kien hemm qbil;

55.4.24 Ġiet imsejħa l-laqgħa tal-lokalità fil-31 ta' Mejju però ħadd mir-residenti m'attenda;

55.4.25 Saru x-xambrelli ġodda tal-bieb tas-Sala tal-Komunitá; u

55.4.26 Permezz ta' *high up* ittieħdu r-ritratti ta' San Pietru u San Pawl mill-viċin għall-fini tar-restawr mill-Perit Ivana Farrugia, peress li Andrew Mizzi baqa ma għamilx ix-xogħol kollu mitlub mill-Perit għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Is-Sindku ppropona li jagħmel dan ix-xogħol Joseph Bajada li qed jistudja dwar dan ix-xogħol. Kien hemm qbil.

**55.5 Festatfal u pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-100 sena tal-istatwa titulari;**

55.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-istatwa l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù hija lesta u tinsab fis-Sala tal-Komunità. Ser tiġi nawgurata f'FestaTfal nhar is-7 ta' Ġunju li tibda b'marċ mill-Banda Allegro Clefs għall-prezz ta' €650 minn Pjazza Santu Wistin sa quddiem il-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana. Tħallas ukoll permess lil Transport Malta ta' €264 sabiex ikunu preżenti uffiċċjali biex jikkontrollaw it-traffiku. Il-membri preżenti kollha qablu kemm ġiet sabiħa din l-istatwa.

55.5.2 Saret laqgħa mal-Kappillan flimkien mas-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar l-attività ta' FestaTfal fejn fost l-oħrajn ġie deċiż illi min-naħa tal-Parroċċa ser tiġi offruta *snack* lit-tfal preżenti. Il-Kunsill ser iġib ukoll il-*bouncy castle* fuq iz-zuntier wara li jispiċċa l-marċ. Kien hemm qbil.

55.5.3 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jsir *face painting* lit-tfal preżenti f'FestaTFal. Il-Kunsill qabel.

55.5.4 Il-Kunsill għamel talba għal parteċipazzjoni tal-*Community Police* f'FestaTfal li ġiet ikkonfermata.

55.5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ma nstabitx blokka biex tintuża mill-Kumitat tal-Armar fil-fond fejn ser jinbena iċ-Ċentru Ċiviku biex jitwaħħal il-pavaljun,

għaldaqstant talab lill-Kunsillier Horace Micallef jieħu ħsieb li jakkwista waħda u l-Kunsill iħallas għat-trasport tagħha.

55.5.6 Il-Kappillan bagħat korrispondenza lill-Kunsill bħala ringrazzjament tal-offerta li għamel il-Kunsill għall-ħlas tas-servizz tal-banda La Stella fl-okkażżjoni taċ-Ċentinarju nhar is-6 ta' Ġunju 2023.

55.5.7 Korrispondenza oħra mingħand il-Kappillan kienet talba lill-Kunsill dwar l-użu tal-van tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju għat-trasport tal-anzjani għall-Knisja Katidrali fl-okkażżjoni tal-bidu tal-pellegrinaġġ taċ-ċentinarju. Il-Kunsill qabel.

55.5.8 F'din l-istess korrispondenza l-Kappillan aċċenna għad-direttiva li ħarġet mill-Kurja t'Għawdex biex ma jinħarġux aktar stediniet formali għal Pontifikal ta' jum il-festa lil Parlamentari u Kunsilli Lokali. Huwa spjega li dan ma jfissirx li l-membri tal-Kunsill ma jistgħux jattendu iżda hija x-xewqa tiegħu li l-Kunsill ikun preżenti anke jekk ma jkunx hemm postijiet riservati, għalhekk għandhom jaħsbu biex imorru kmieni. Is-Sindku qal li mhux ġust li l-Gvern tal-lokalità ma jkunx mistieden għall-Pontifikal ta' jum il-festa. Is-Sindku ppropona u kien hemm qbil li din il-korrispondenza tiġi mehmuża mal-minuti. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li messu ħarġet ordni wkoll biex ma jintalbux aktar flus lill-awtoritajiet governattivi. Kien hemm qbil.

**55.6 Tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku;**

55.6.1 Ġiet ordnata u twaħħlet *banner* mal-faċċata fejn ser isir il-proġett li tindika kif ser isir il-proġett.

55.6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ż-żmien tal-appell għat-tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku għadda u għaldaqstant jista jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija 'Little Rock Quarry Ltd.'. Il-Kunsill qabel.

**55.7 Ħruġ u għoti t'offerti;**

55.7.1 Iż-żewġ offerti li l-Kunsill għandu pendenti għalqu.

55.7.2 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi jitwaqqaf il-Bord t'Evalwazzjoni għax-xogħol ta' tisbiħ bil-*porfido* fi Triq il-Għajn taħt ir-*railing* li ser ikun kompost mill-Perit John Saliba, William Sultana, is-Sindku, l-Kunsillier Carmel Farrugia, Joseph Bajada flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarja tal-Bord.

55.7.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi jwaqqaf Bord ieħor għall-offerta għal xiri ta' żewġ fanali fuq iz-zuntier li jkun kompost mill-istess membri minbarra l-Perit u minfloku Galea Curmi Engineering biex jippreparaw rapport fuq l-offerti.

**55.8 Proġetti tal-Kunsill;**

55.8.1 Dwar l-offerta tar-rinovazzjoni tal-*Playing Field* is-Sindku ppropona sabiex jinstab persuna biex ineħħi s-*slide* li ilha hemm mill-1991, u tmur għall-i*scrap*. L-apparat tal-logħob flimkien mal-bankijiet eżistenti jridu jinqalgħu temporanjament u jinġabru fil-garaxx tal-Kunsill.

**55.9 Sitwazzjoni preżenti ta' Triq tal-Għajn bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili;**

55.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien sar qbil f'laqgħa preċedenti ntalab parir mingħand l-Avukat Chris Said u peress li ma tana l-ebda risposta dan il-parir intalab mingħand l-Avukat John Paul Grech.

55.9.2 Is-Sindku qal li din il-parti tat-triq fejn kien mistenni li jsir dan ix-xogħol, kif ukoll il-parti l-oħra bejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u l-Knisja Parrokkjali hija fi stat ħażin ħafna, għalhekk biex in-nies tal-Fontana u kull min jgħaddi minnha ma jkomplux ibatu la ma ngħatajniex il-fondi mitluba, għandna nroddu l-flus, dan għar-raġuni li l-Kunsill ma jistax joħroġ fondi ta' madwar €60,000 minn tiegħu għal triq li dejjem kienet taqa taħt ir-responsabilità tal-Gvern Ċentrali. Barra minnhekk qabel twaqqfet l-offerta preċedenti l-Kunsill fi żmien is-Segretarju Eżekuttiv Neville Galea talab diversi drabi permezz ta' emejls lid-Direttur Ġenerali Victoria Xuereb biex issir laqgħa ħalli jitħejja *time frame* biex ikun jista jibda x-xogħol fuq din il-parti tat-triq wara li titlesta Foreman Street fil-Belt Victoria minħabba t-traffiku, iżda din il-laqgħa qatt ma saret. Barra minnhekk kien sar ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn kienet ser toħroġ aktar minn €99,000 biex jinbidel il-*main* prinċipali tad-drenaġġ bejn Pjazza Santu Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

55.9.3 Wara li ġie diskuss dan flimkien mal-parir li ngħata kien hemm qbil unanimu li l-flus jingħataw lura lil Ministeru għal Għawdex wara li jitnaqqsu l-ispejjeż li diġà saru, biex ikun jista jwettaq dan ix-xogħol kemm jista jkun malajr.

55.9.4 Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat ittra ddraftjata mill-Avukat Grech u tintbagħat mill-Kunsill sabiex tispjega li l-flus ser jiġu rritornati lura u jintefqu fl-istess triq.

**55.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

55.10.1 Ċirkulari AKL 2023/034 bis-suġġett *PV Battery Project.*

55.10.2 Ċirkulari AKL 2023/035 bis-suġġett Tabelli bil-Malti.

55.10.3 Ċirkulari AKL 2023/036 bis-suġġett *MCCAA Events Enquiry.*

55.10.4 Ċirkulari AKL 2023/040 bis-suġġett UEFA U19 *Championship* Malta – Invit għar-Reġjuni.

55.10.5 Ċirkulari AKL 2023/041 bis-suġġett 'Ftehim *Bus Shelters May* 2023.

55.10.6 Ċirkulari Numru 11/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tnedija ta' Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali'.

55.10.7 Korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar il-Programm ta' Attivitajiet 2023 marbuta mat-30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.

55.10.8 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar tħawwil ta' siġra kommemorattiva li ser issir fix-xahar t'Ottubru f'kull lokalità. Il-Kunsill qabel illi din titħawwel fil-*Playing Field.*

55.10.9 Mistoqsija Parlamentari Nru. 8930 – Servizzi tal-Kunsilli Lokali fil-Qasam tal-Anzjani matul l-2021.

55.10.10 Reġjun Għawdex talab lill-Kunsill jaġġorna l-lista t'amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika mibgħuta mid-Direttorat ta' l-Istrateġija fi ħdan il-Gvern Lokali.

55.10.11 Reġjun Għawdex bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Storage Space – Nature Trust'. Il-Kunsill m'għandux l-ispazju mitlub.

55.10.12 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex sabiex tinġabar informazzjoni mill-Kunsilli relatata mal-ispejjeż fir-rigward tal-*fees* tal-Pulizija, *Civil Protection*, Gwardjani Lokali, u Transport Malta. Ir-Reġjun qed jaħdem mal-Ministeri rispettivi biex jingħata rimbors għal parti minn dawn l-ispejjeż.

55.10.13 Id-Direttorat tal-Istrateġija talab għal informazzjoni tal-proġetti imwettqa mill-Kunsill Lokali mill-2019 'l hawn sabiex ikun jista jindirizza numru ta' miżuri tal-manifest elettorali li ġew assenjati taħt id-Direttorat.

55.10.14 Il-Bank of Valletta talab diversi dettalji u dokumenti biex tassigura li l-informazzjoni li għandu l-Bank hija waħda preċiża u aġġornata. Għaldaqstant l-Aġent Segretarja spjegat x'tip ta' informazzjoni għandu bżonn il-bank fid-dettall. Il-Kunsill qabel illi jibgħat l-informazzjoni meħtieġa. Is-Sindku nforma li din l-informazzjoni ilha mitluba minn Frar

li għadda iżda qatt ma tressqet fil-laqgħa. Teżisti korrispondenza dwar dan.

55.10.15 L-Ispettur Gabria Gatt bagħtet il-*Crime Prevention Report* biex jiġi sottomess mal-applikazzjoni. Diskussjonijiet fuqu ser jiġu diskussi fl-ewwel laqgħa mal-*Community Police*. Sadanittant il-Kunsill ġie mitlub biex jara dan ir-rapport u jindika xi diffikultajiet/opinjonijiet differenti fuqu.

55.10.16 Id-Direttorat *Eco-Gozo* bis-suġġett 'Funding Application Measure 4.4 - Reinstatement of Rubble Walls'. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ma għandniex ħitan tas-sejjieħ li jeħtieġu restawr fit-toroq kif titlob din l-applikazzjoni.

55.10.17 *Transport Malta* bagħtet korrispondenza fejn fiha nfurmat lill-Kunsill illi mhuwiex eliġibbli għal *electrical grant* fuq il-van. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi meta saret l-inawgurazzjoni tal-van huwa qajjem dan il-punt mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Civelli fejn infurmat illi ser tiċċekkja fuq din il-kwistjoni mal-Ministru konċernat.

55.10.18 *Transport Malta* permezz ta' emejl ma ssib l-ebda oġġezzjoni li Triq ix-Xlendi tkun magħluqa għat-traffiku fis-7 ta' Lulju bejn id-9.00pm u l-10.00pm.

55.10.19 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Internship Policy'.

55.10.20 Korrispondenza oħra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Talbiet għall-Kumpens għal Ħsarat fuq Vetturi.

55.10.21 Il-*Gozo Action Group Foundation* bagħtu korrispondenza lill-Kunsill fejn talbuh l-għajnuna fir-rigward ta' dikjarazzjoni mill-Kunsilli membri bħala sapport lill-fondazzjoni fl-applikazzjoni LEADER li ser jissottomettu. Il-Kunsill qabel.

55.10.22 Il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana bagħtu korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmawh bid-dati tal-wirja li ser issir fis-Sala tal-Komunità. Il-wirja ser tittella bejn it-8 u l-11 ta' Ġunju 2023.

55.10.23 Kaċċaturi San Ubertu bagħtu talba lill-Kunsill sabiex jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill biex jorganizzaw wirja statika għal ġimgħa biex iqajmu kuxjenza għall-kultura ta' kaċċa sostenibbli. Il-Kunsill qabel.

55.10.24 *Care Malta Group* bagħtu korrispondenza lill-Kunsill bis-suġġett 'Nazzareno Vassallo Award 2023'.

55.10.25 L-Aġenzija *Water and Energy* bagħtet korrispondenza dwar il-kampanja *Water-Be the Change*.

55.10.26 Is-Superjur tal-Komunità Agostinjana talab permess lill-Kunsill sabiex jgħaddu bil-purċissjoni tal-Kwaranturi minn Triq il-Għajn, Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Gerduf fil-Fontana. Din ser issir fit-3 ta' Ġunju 2023 fis-7.00pm. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

55.10.27 Il-Kunsillier Horace Micallef talab sabiex issir tabella għall-ħmieġ tal-klieb fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg.

55.10.28 Ilment minn resident sabiex isir sinjal tat-traffiku li jispeċifika liema sewwieq għandu d-dritta bejn dak li jkun tiela mix-Xlendi u dak li jkun ħiereġ min-naħa ta' Trejqet Wara l-Idjar. Il-Kunsill qabel illi jieħu parir mingħand *Transport Malta*.

55.10.29 Resident ilmenta li tneħħiet bozza li kien hemm m'arblu u talab sabiex terġa ssir. Il-Kunsill qabel illi għandu jiġi ċċekkjat qabel ma tittieħed azzjoni.

55.10.30 Il-Kunsill qabel ukoll illi għandu jiġi vverifikat il-kont tal-ġbir tal-iskart għax-xahar t'April peress li jvarja komparat max-xhur ta' qabel.

55.10.31 L-Għaqda tan-nar Fontana bagħtet korrispondenza mhix iffirmata lill-Kunsill fejn talbet għajnuna finanzjarja fil-ħruq tan-nar tal-art lejlet il-festa. Is-Sindku u l-Kunsillier Carmel Farrugia astjenew għar-raġuni li din l-Għaqda la għandha numru tal-VAT, la numru tal-VO u lanqas m'għandha statut. Il-Viċi-Sindku qalet illi hija ma ssib l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li għandna nitolbuhom biex iġibu dawn l-affarijiet msemmija sal-laqgħa li jmiss. Peress li ma kienx hemm qbil intqal illi għandu jiġi vverifikat jekk din l-Għaqda għandhiex dawn ir-rekwiżiti. Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku jekk għandhiex kunflitt t'interess peress li binha huwa nvolut fil-logħob tan-nar għal festa. Hija qalet li le, għax hu miżżewweġ.

**55.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

55.11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**55.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 43/2023 għal perjodu ta' bejn l-27 t'April 2023 u l-31 ta' Mejju 2023 li tammonta għal €24,646.13 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Mejju.

**55.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023 fl-10.0am b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem. Il-ħin tal-laqgħa ġie deċiż bi qbil unanimu bejn il-membri.

Konfermati, llum il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023.

IFFIRMATA
Saviour Borg
Sindku

IFFIRMATA
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Reply all | Delete Junk | •••

# Parroċċa: użu ta' vann u stedin Pontifikali

Fontana Parish <fontanaparish@gmail.com>
Wed 03/05, 08:36
Fontana Local Council at Fontana Local Council

Reply all |

Inbox

You forwarded this message on 04/05/2023 11:23

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għażiża Segretarja,

**1. Użu tas-servizz tal-vann**

qed nikteb din l-imejl biex nitlob lill-Kunsill Lokali joffrilna s-servizz tal-vann tiegħu biex inwasslu lil kull min jixtieq, speċjalment anzjani, il-Knisja Katidrali fiċ-Ċittadella, **nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju filgħaxija**, fl-okkażjoni tal-bidu tal-pellegrinaġġ taċ-ċentinarju u lura, wara li tintemm il-Quddiesa. Dwar ħin, nikkonfermalek iktar tard.

**2. Preżenza fil-Pontifikal f'jum il-festa**
Minħabba direttiva li ħarġet mill-Kurja t'Għawdex f'April li għadda illi minn din is-sena ma jinħarġux iktar stediniet formali lil entijiet politiċi (parlamentari u kunsilli lokali), jien kostrett li ma nibgħatx inviti uffiċjali. Dan ma jfissirx li ma tistgħux tattendu. Għalhekk hi xewqa kbira tiegħi li l-Kunsill ikun preżenti, anki jekk ma jkunx hemm postijiet riservati. F'dan ir-rigward, nissuġġerixxi li, jekk tkunu ser tiġu, taħsbu tiġu kmieni għall-pontifikal.

Grazzi ħafna tal-kollaborazzjoni.

--
**Kan. Simon Mario Cachia**
**Kappillan / *parish priest***
Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana / *Sacred Heart of Jesus Parish and Shrine*
196, Triq il-Għajn, Il-Fontana FNT9026, Gozo, Malta (EU)

S. Borg.